Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 81/2003/1

**Carmel sive Charles Sciberras, f'ismu proprju u ghan-nom ta' ohtu assenti Maria Antonia mart David Knight, Peter Paul Sciberras, Conrad Borg Manche' u Philip Borg Manche' ghan-nom u in rapprezentanza ta' wliedu minuri David u Francesca Borg Manche' u b'digriet tat-22 ta' Lulju, 2004, wara l-mewt ta' l-attur Peter Paul Sciberras l-atti gew trasfuzi favur l-eredi tieghu Carmel sive Charles u Maria Antonia mart David Knight ahwa Sciberras u favur Conrad, David u Maria Francesca ahwa Borg Manche'**

**vs**

**Youssef u Romina mizzewgin Rhouri**
**u b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2004, il-kunjom tal-konvenuti jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom Rhouni**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta’ Marzu, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-7 ta’ Frar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ elfejn, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2520) ta’ arretrati ta’ kera, bl-Lm40 fix-xahar, tal-fond “St. Rita” 12, St. Edward Street, Birzebbugia, ghall-perijodu minn Novembru, 1997 sa’ Jannar, 2003, b’riserva ta’ ammonti ulterjuri sal-effettiv zgumbrament taghhom in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri (avviz 1666/00) ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2002.

Bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Ottubru, 2002 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 308/2003 kontra konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Romina Rhouni fejn eccepiet:

Preliminarjament, illi l-kunjomhom huwa “Rhouni” u mhux “Rhouri” u ghalhekk jitolbu li tigi ordnata l-korrezzjoni appozita.

Preliminarjament, illi l-konvenut Youssef ma jistax jigi notifikat ghaliex huwa assenti minn Malta u ghalhekk jehtieg li l-atti jigu legittimati skond il-ligi.

Fil-meritu, il-kreditu huwa kkontestat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Lulju, 2004 fejn ordnat il-legitimazzjoni ta’ l-atti wara l-mewt ta’ l-attur Peter Paul Sciberras fil-mori ta’ din il-kawza;

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta’ Ottubru, 2004 fil-konfront tal-konvenut Youssef Rhouni wara l-kontumacja tieghu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mhuwiex kontestat li l-konvenuti kienu krew il-post “Santa Rita” 12, St Edward Street, Birzebbuga minghand l-atturi bil-kera ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar. Lanqas ma hu kontestat illi l-konvenuti ghamlu xi pagamenti. Fil-fatt l-attur Carmel Sciberras jikkonferma illi saru hlasijiet sal-25 ta’ Settembru, 1997 u mbaghad ma hallsux aktar. Saret kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti illi saret definittiva permezz ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2002.

Il-konvenuti damu fl-okkupazzjoni tal-fond sa’ Jannar, 2003 meta kkonsenjaw ic-cavetta lill-atturi u ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta’ elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520) bhala arretrati ta’ kera minn Novembru, 1997 sa’ Jannar, 2003. Dan ma jidhirx illi huwa kontestat minn naha tal-konvenuta pero’ qeda tghid illi qeda fi proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha u ghalhekk ikun aktar gust illi hi thallas biss semha u mhux l-ammont intier. Di piu’ l-atturi diga hadu sentenza fil-konfront tar-ragel Youssef Rhouni.

Ikkunsidrat:

Minkejja li l-Qorti thares lejn is-sitwazzjoni tal-konvenuta Romina Rhouni b’simpatija, ma tistax tinjora l-aspett legali tar-relazzjoni kuntrattwali li hi u zewgha ghandhom ma’ l-atturi, fejn minn naha taghhom obbligaw ruhhom illi jipprovdu l-fond indikat fl-avviz versu l-korrispettiv tal-kera. Kienu l-konvenuti fil-mori taz-zwieg taghhom li ma qaghdux ghall-obbligazzjonijiet assunti u ghalhekk huwa solidali fil-konfront ta’ l-atturi ghall-hlas ta’ l-arretrati. X’arrangament isir bejn il-konjugi hija affari taghhom u ma taffetwax id-drittijiet ta’ l-atturi illi jibqghu jkollhom id-dritt li jircievu l-kera b’mod solidali minghand il-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuta solidament mall-konvenut l-iehor Youssef Rhouni li thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520) arretrati ta' kera fuq il-fond "Santa Rita" 12, St. Edward Street, Birzebbuga ghall perijodu minn Novembru, 1997 sa' Jannar, 2003.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti."

Il-konvenuta Romina Rhouni appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li jikkoncernaw il-kundanna taghha *in solidum*, da parti ta' l-ewwel Qorti, ghall-hlas ta' l-arretrati tal-kera reklamat mill-atturi.  Hi tikkontendi li s-sentenza hija rritwali ghaliex (i) ma kienx hemm talba *ad hoc* ghal kundanna *in solidum* fl-avviz promotur, (ii) kienet gja nghatat sentenza kontra l-konvenut l-iehor zewgha fuq il-konfessjoni kapitolata, u (iii) tali kundanna ma kienetx permissibbli hlief fejn il-ligi civili tippermetti dan;

Il-fatti sostanzjali li jirrigwardaw l-aspett guridiku fl-appell involut jinsabu korrettament ri-epilogati fis-sentenza appellata.  In essenza, il-konvenuti mizzewgin krew minghand l-atturi fond f' B' Bugia.  Huma naqsu li jhallsu diversi skadenzi tal-kera u gew ordnati jizgombraw mill-fond b' sentenza ta' l-ewwel qorti tad-19 ta' Dicembru 2001, konfermata in sede appell fl-4 ta' Ottubru 2002.  L-odjerna istanza hi diretta ghall-hlas ta' dawn l-iskadenzi tal-kera;

Premessi dawn il-fatti jibda biex jigi osservat illi in tema ta' solidarjeta` ta' obbligazzjoni din trid tkun jew stabbilita bil-ligi jew espressament mifthema (Artikolu 1089, Kodici Civili). Li jfisser illi allura s-solidarjeta` ma tistax tigi prezunta (ara **Kollez. Vol. XXX  P II  p 82; Vol. XLII  P II p 928**).  Huwa biss fl-obbligazzjonijiet kummercjali, ex Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, li hu prezunt li l-

kondebituri huma obbligati *in solidum* jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju (ara **Kollez Vol. XXXVIII P I p 343**);

Fil-fattispecje jirrizulta li l-konvenuti huma mizzewga, jew ghallanqas hekk kienu, meta kkuntrattaw il-lokazzjoni, kienu in mora fil-hlas u fil-mument li gew azzjonati ghall-hlas. Din is-sitwazzjoni ggib li l-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien taghmel tajjeb ghad-djun naxxenti *inter alia* minn "kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin" [Artikolu 1327 (d), Kodici Civili]. Issa l-komunjoni ta' l-akkwisti huwa istitut specjali fil-ligi taghna li jirrapprezenta bhala socjeta` partikolari (**Kollez. Vol. XXX PI p 18**). Dak li hu cert pero hu li l-komunjoni mhix dotata b' personalita` guridika in bazi ghall-precitat artikolu tal-Kodici Civili u dawk id-disposizzjonijiet l-ohra annoverati taht is-Sub-Titolu III (Fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti) ta' l-istess Kodici;

Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f' komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali solidarjeta` tohrog mill-kuntrattazzjoni innifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjeta` tidderivi minn provvediment specifiku tal-ligi. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali taghha u cjoe (a) **pluralita` ta' soggetti**; (b) **l-*idem debitum***; u (c) ***eadem causa obligandi***. Ir-*ratio*, imbaghad, ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant li l-kredituri - salv ghall-kwestjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu proprju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322 (3) (d), Kodici Civili - setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kon-titolari tal-kirja, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 1094, Kodici Civili;

Is-sentenza in re: "**Giuseppe Cachia -vs- Dr. Vincenzo Grech *et nomine***" riportata a **Vol. V pagna 329** filwaqt li tirriafferma illi s-solidarjeta` ma hi qatt prezunta, tissokta tosserva a propozitu illi "*giusto l' articolo 800* (illum Artikolu 1094, Kodici Civili) *l' obbligazione è solidaria per parte dei debitori, quando essi sono obbligati ad una medesima cosa, in maniera che ciascuno di essi possa essere costretto al pagamento della totalita` ...*";

Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f' regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f' kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa aktar minn car illi *qua* kompartecipi f' komunjoni, di fronte ghall-appellanti jezistu l-presupposti kollha tas-solidarjeta` u ghalhekk ma jidherx li l-ewwel Qorti applikat malament il-ligi, anke fl-assenza ta' talba *ad hoc*, u li, fil-hsieb tal-Qorti mhix wahda *di rigore* ghall-applikabilita` tal-principju u biex l-appellanti, *qua* kondebitrici, tkun tenuta *in solidum* mal-konvenut l-iehor zewgha, anke jekk dan kien gja kkundannat b' sentenza precedenti. Mhux il-kaz allura li s-sentenza apellata tigi dikjarata irritwali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------